# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

15 ta' Marzu, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Frances Galea – Viċi Sindku

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 38

38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 37 – 9;
38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
38.5 Komunikazzjoni;
38.6 L-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni – Tender SNTLC 01/02 -2022;
38.7 L-applikazzjonjiet mill-iskema tal-Urban Green Project 2022;
38.8 L-applikazzjoni minn fondi ewropej taħt Miżura 4.3 (it-tieni sejħa);
38.9 Grants mir-Reġjun Għawdex;
38.10 Avvenimenti marbuta ma' l-Għid 2022, Jum Sannat 2022 u l-Ġemellaġġ ma' Montefiascone;
38.11 Laqgħa Annwali Pubblika;
38.12 Ilmenti u Suġġerimenti;
38.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2022;
38.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

38.1.1 Is-Segrertarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku bgħatet imejl fejn infurmatu li ma tistax tattendi għal din il-laqgħa minħabba ċirkustanzi li ma kellhiex kontroll fuqhom.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 37 – 9

3.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 37 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-proġett ta' Pjazza Santa Margerita beda u bħalissa għaddej ix-xogħol fuq trinka li fiha se jitpoġġa cable tad-dawl temporanju mill-EneMalta dan għaliex dan il-cable irid jitpoġġa fis-service culvert. Hu qal li kif appena beda x-xogħol mill-kuntrattur tat-trail holes instab high tension cable tad-dawl qadim eżatt minn fejn għandu jsir dan is-service culvert. Dan il-cable se jinbidel ma wieħed ġdid li dan se jiġi mressaq il-quddiem fis-service culvert li se jinbena apposta biex is-servizzi jgħaddu kollha minn dan u b'hekk jiġu eliminati darba għal dejjem il-wires mill-Pjazza. Dan ma kienx previst li jsir peress li ma kienx maħsub fl-offerta għal dan il-proġett, għalhekk il-Kunsill kellu jara min ser iħallas għal dan ix-xogħol u rrikorra għal Ministeru għal Għawdex. Il-kuntrattur diġa nfurmat li għandu ix-xogħol Triq Sannat u f'din il-pjazza biex il-wires jgħaddu kollha mis-service culvert meta dan isir. Il-Kuntrattur diġa għandu f'idejh il-cable u 3 feeder pillars għal Triq Sannat mingħand EneMalta. Is-Sindku qal li dan il-proġett se jkollu jieqaf għal xi ġranet għar-raġuni li l-EneMalta trid tgħaqqad u b'hekk jibda jiffunzjona il-cable il-ġdid. L-EneMalta nfurmat li min jgħamel dan ix-xogħol huwa ndispost u wieħed għandu jistenna sakemm jiġi maqgħud u jiġi eliminat dak diterjorat. Is-Sindku talab biex dan ix-xogħol isir kemm jista jkun malajr biex jitneħħa l-periklu. Is-Sindku qal li rigward is-service culvert fi Triq Sannat, meta l-EneMalta għaddiet il-cable il-ġdid, sabet diffikulta fejn fis-service culvert fejn Sannat Junction sabet armar u li l-kuntrattur li ħadem fi Triq Sannat u l-Junction intalab sabiex inaddaf u dan naddaf. Meta għamlet l-ewwel xita kien waqa xi debris u li dan għandu jitneħħa biex dan ikun nadif u kollox jgħaddi fin-nadif. Il-Kunsill qabel li kull meta entita' tiftaħ dan is-service culvert għandu jinforma lill-Kunsill. Is-Sindku qal li għal kemm il-Kunsill informa aktar minn darba lill-WSC dwar il-ħsarat li qed ikollhom il-patching mhux qed isir kif jitolbu l-kundizzjonijiet anke minn Transport Malta. Is-Sindku qal li l-pjan tal-proġett tal-Pjazza huwa li jsir is-service culvert u wara ssiru s-servizzi tal-ilma u drenaġġ biex jinqala wiċċ it-triq u ssir is-sodda tal-konkos biex wara jkun lesta għal pavimentar, jekk jista jkun dan irid isir sa l-aħħar ta' Mejju. Il-Kunsillier Bajada ssuġġerixxa biex ikun hemm aktar siġurta din it-trinka tingħalaq bil-barriers apposta u jitneħħew il-parking bays tan-naħa taz-zuntier. Is-Sindku qal li hemm it-tabelli biex ma jsirx parkeġġ. Il-Kunsill qabel biex taħt iż-żuntier jitlob lill-T.M. biex jitneħħa l-parkeġġ permezz ta' double yellow lines. Is-Sindku qal li diġa twaħħlu t-tabelli għal immaniġġjar tat-traffiku aħjar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-sqaq ta' xamgħan fejn hemm

is-sub station tad-dawl huwa ppakjat bis-servizzi għal pjazza u li dan il-wiċċ ser jintmess kontinwament, għalhek il-Kunsill għandu jara li dan x'ħin jitlesta x-xogħol dan jingħata wiċċ ġdid kif jixraq. Il-Kunsillier Tewma staqsa dwar jekk għandniex xi risposta fuq is-siġar tal-Oleander fil-Pjazza. Is-Sindku wieġeb li dawn se jiġu rilokati. Il-Project Manager ħa ritratt għal kull siġra u l-botonista għandu jgħati rapport fuq kull siġra biex dan jiġi preżentat lil ERA.

38.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru żewġ laqgħat mas-Superintendent tal-Pulizija u l-Community Policing waħda nhar l-Erbgħa 23 ta' Frar 2022 fejn ġew diskussi l-iskart, dgħajjes ipparkjati fit-toroq, l-indafa fi Triq tal-Gruwa u l-problema ta' parkeġġ fi Triq ix-Xabbata fejn hemm il-ħwienet. Il-laqgħa l-oħra saret il-bieraħ fis-2.00 p.m., fejn ġie diskuss li bħalissa l-Community Police qed jiġi użat biex jitqassmu d-dokumenti tal-voti. Għal din il-laqgħa attenda ukoll il-konsulent ta' din l-aġenda fejn ġie diskuss li l-Community Police se jgħamel nofs ta' nhar l-uffiċċju tal-Kunsill fejn miegħu jistgħu jiltaqgħu r-residenti. Is-Sindku qal li qed jirċievi lmenti mingħand individwi li qed ikun hemm imbieħ ta' xi klieb u li qed idejqu lir-residenti speċjalment bil-lejl. Ġie diskuss ukoll l-iskart domestiku li mhux qed joħroġ skond l-iskeda f'diversi toroq u li dan joħloq problemi lill-terzi. Ġie diskuss ukoll sabiex issir kampanja ta' edukazzjoni dwar il-ħmieġ tal-klieb u li uħud għadhom qed iħallu l-klieb jiġru barra mingħajr iċ-ċinga. Il-konsulent ssuġġerixxa u qal li fl-Ingilterra l-Kunsill jissuplixxi boroż għal gbir tal-ħmieg tal-klieb. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u għandu jaħdem fuqha. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jaħseb biex isir leaflet fejn sid l-annimal jiġi mgħarraf b'ċerti miżuri u servizzi dwar l-għarfien ta' min irabbi l-annimali domestiċi. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni dwar periklu permezz ta' parkeġġ fi Triq Marsilja. Is-Sindku qal li hemm hekk hemm bżonn ta' traffic management. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lil Perit. Il-Kunsillier Tewma ġibed l-attenzjoni li stop sign fl-art fi Triq tal-Gruwa għandha bżonn ta' refreshment. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

38.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu jħoss li għandha toħroġ stqarrija publika dwar l-izvillupp li qed isir fi Triq Saguna peress li jista jkun li l-media qed toħroġ stħarrig żbaljat għaliex hemm mhux f'Ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jieħu parir mingħand il-Perit.

38.3.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li talab lil Perit biex issir laqgħa apposta mad-DPF (Awtorita' tal-Ippjanar) dwar aktar fondi għal proġett ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri. Il-Kunsill għadu qed jistenna l-permess u data għal din il-laqgħa.

38.3.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar il-WIFI4EU u li dawn għandhom jiġu nstallati 2 fil-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill, wieħed imwaħħal mal-bini tal-Kunsill li jgħati għal Triq Sannat, ieħor fi pjazzetta Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri, 2 fi Pjazza Santa Margerita, wieħed fil-Ġnien tal-Bidwi u ieħor fil-Playing field fi Triq Marziena.

38.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 (it-2 sejħa) għandu jħallas il-pre financing lill-Kuntrattur. Il-quddiem il-Perit għandu jiċċertifika dawn ix-xogħolijiet fi Triq tal-Gruwa u Triq Saguna. Il-Kunsill talab estensjoni sal-aħħar ta' Lulju 2022 biex jilħqu jidħlu l-kontijiet kollha, jiġu ċċertifikati u l-kuntratturi jitħallsu.

## 38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

38.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

38.4.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti mill-Kunsillieri preżenti.

## 38.5 Komunikazzjoni

38.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
14 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/022 – Info Session Elderly Community Care – Post Covid-19_24/02/2022
15 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/023 – Learning Works MQF Level 6 Award in Women in Leadership
15 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/024 – Jobsplus – Ġbir ta' informazzjoni dwar Kompjuters aċċessibli għal-pubbliku
15 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/025 – Link to the ĠEMMA Strategy 2022 – 2025
16 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/026 – Invitation for Conference on Sustainable Mobility
17 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/027 – Diversity – Cultural Awareness Training Session – 08/03/2022
25 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/028 – Infurzar mill-ERA relatat ma-iBins

38.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
24 ta' Frar 2022 – Re Press Conference for the launching of your Community Policing – Saturday, 26th February, 2022
04 ta' Marzu 2022 – ATTN: EU & Local Funds Manager – Gozo Regional Council
04 ta' Marzu 2022 – ATTN: SAVE THE DATE: Info-Session │First Call for Project Proposals – Interreg Europe Programme 2021-2027 – Registration Link re. Online Info Session on 17th March 2022

38.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand Transport Malta b'rapport dwar Reserved Parking Bay fi Triq Ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel li dan isir minflok l-ewwel parking bay minn naħa ta' fuq.

38.5.4 Is-Segretrju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li biex jerġa jibda juża s-servizz tal-G4, dan peress li l-bank mhux qed jaċċetta depositi bi flus kontanti dan apparti s-sigurta ta min qed jieħu d-depositi l-bank. Il-Kunsill għandu jara dwar dan.

## 38.6 L-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni – Tender SNTLC 01/02 -2022

38.6.1 Is-Sindku qal li wara li l-bordijiet tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni għall-Offerti SNTLC 01/02-2022 iltaqgħu.

38.6.2 Dwar l-offerta SNTLC 01/2022 Tender for the Asphalting works with hot rolled asphalt in Ta' Sannat in a Resourse efficient Manner. Għal din l-offerta kien hemm żewġ offerti. Il-bord qed jirrakomanda l-irħas offerta dik ta Gatt Tarmac Ltd. u li hi technically compliant. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni.

38.6.3 Dwar l-offerta SNTLC 02/2022 Supply and Delivery of an Electric Van for Ta' Sannat Local Council, il-bord għadu qed jevalwa din l-offerta peress li ntalbu xi kjarifiċi. Għal din l-offerta kien hemm offerant wieħed. Il-bord qed jirrakomanda din l-offerta mingħand Attard Motors Ltd. u li din hija technically compliant. Is-Sindku qal li din l-offerta hija għal vettura ta' 9 seaters tad-ditta Citroen ta' kulur abjad. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni.

## 38.7 L-applikazzjonjiet mill-iskema tal-Urban Green Project 2022

38.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-iskema tal-Urban Green Project 2022, il-Kunsill applika żewġ applikazzjonijiet waħda biex isir titjib fl-arja tal-madwar u enerġija iktar effiċjenti fi Triq 28 ta' April 1688 u applikazzjoni oħra fuq tisbieħ u restawr fuq il-ġibjun fi Triq il-Kbira.

## 38.8 L-applikazzjoni minn fondi ewropej taħt Miżura 4.3 (it-tieni sejħa)

38.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġiet issottomessa l-applikazzjoni minn fondi ewropej taħt Miżura 4.3 sabiex jekk din tiġi milqugħa tiġi asfaltata parti minn Triq id-Daħla taċ-Ċnus, l-parti li minnha jgħaddu l-bdiewa għall-għelieqi.

## 38.9 Grants mir-Reġjun Għawdex

38.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex li l-Kunsill gwadanja l-ammont totali ta' €53,000 minn skemi li kien applika matul is-sena l-oħra. Dawn huma:

Skema Reġjonali – Libreriji fil-lokalita' fejn il-Kunsill Lokali bbenefika s-somma ta' €3500. Il-Kunsill se jixtri tv fuq stand u sound system.

Skema Reġjonali – Ambjent 2021 fejn il-Kunsill ibbenefika s-somma ta' €15,500. Għal din l-iskema l-Kunsill kien applika biex jixtri vettura elettrika.

Skema Reġjonali – Kultura Għawdex fejn il-Kunsill ibbenefika s-somma ta' €10,000. Għal din l-iskema l-Kunsill kien applika biex nkomplu nsebħu l-identita' ta' raħalna fosthom sqaq fi Triq Ta' Ċenċ.

Skema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi fejn il-Kunsill ibbenefika s-somma ta' €25,000 fejn il-Kunsill kien applika biex jiġi rrestawrat il-ġibjun fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li għal dan ix-xogħol il-Kunsill applika minn applikazzjoni tal-Urban Green Project u jekk din l-applikazzjoni u b'aktar fondi u l-Kunsill jibbenefika ukoll minn din tal-aħħar, il-Kunsill se jgħamel talba lir-Reġjun biex dawn il-fondi jiġu utilizzati fi proġett ieħor.

## 38.10 Avvenimenti marbuta ma' l-Għid 2022, Jum Sannat 2022 u l-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

38.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar id-dramm li se jsir nhar is-Sibt 9 ta' April 2022 fejn qed isiru l-preparamenti għalih. Għal dan id-dramm il-Kunsill ibbenefika s-somma ta' €10,000 minn fondi tal-Kultura fi ħdan il-MGOZ.

38.10.2 Is-Sindku qal li għal Jum Sannat din is-sena l-attivita' se tkun waħda ftit differenti dan peress li waqt din l-attivita se jingħataw il-Premijiet ta' Ġieħ Sannat u Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena għal dawn l-aħħar tlett snin peress li minħabba l-pandemija dawn fis-snin 2020 u 2021 ma saritx din l-attivita għal dan l-avventiment. L-applikazzjonijiet għal premijiet ta' din is-sena se jgħalqu nhar il-Ġimgħa 8 ta' April 2022. Il-Kunsill qabel li jkun hu il-bord biex jingħataw il-premijiet. Sar qbil mill-Kunsill peress li nhar il-Ħamis 28 ta' April 2022 għandha tiġi żżurna delegazzjoni minn Montefiascone, l-għada l-Ġimgħa 29 ta' April issir din l-attivita'

bil-parteċipazzjoni tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita fi Triq Vinċenzo Caruana Spiteri, u Triq il-Blat. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu japplika mall-Ministeru għal Għawdex għal fondi.

38.10.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għad-delegazzjoni ma' Montefiascone il-Kunsill qed ifittex dawn fejn se jorqdu. Il-Comune di Montefiascone għandhom jibgħatu l-lista finali ta min ġej.

## 38.11 Laqgħa Annwali Pubblika

38.11.1 Is-Sindku qal li skond il-liġi tal-Gvern Lokali huwa fl-obbligu ta' kull Kunsill li jsejjaħ laqgħa pubblika sal-15 ta' April 2022. Għalhekk il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 12 ta' April 2022, fl-4.30 p.m. fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv.

## 38.12 Ilmenti u Suġġerimenti

38.12.1 Residenti minn Triq l-10 ta'Ottubru 1942 ilmentaw rigward mera mkisura fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din il-mera ġiet ordnata.

38.12.2 B'referenza għall-ilment numru 07/2022, resident li joqgħod fi Triq Paranji talab li ssir bankina mar-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

38.12.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward fanali mkissra fi Triq 28 t'April 1688. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li uħud minn dawn il-fanali l-kuntrattur qal li kellhom jiġu skonnetjati peress li ma ftit tixrib dawn kienu qed iwaqqgħu s-salvavita u li dan kien qed jiġri ta'spiss ħafna. Is-Sindku qal li waħda mill-applikazzjonijiet tal-Urban Green Project huwa purament għal dan.

38.12.4 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex jiġi rranġat fanal mgħawweġ u jitbandal fi Triq Ta' Ċenċ (qabel id-daħla għal Ta' Ċenċ Hotel) qabel ma dan jaqa fuq xi karozza jew fuq xi ħadd.

38.12.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix ħażin fil-Ġnien tal-Bidwi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem mall-ġardinar assenjat mall-Kunsill fejn talab li l-parti ta' fejn hemm is-siġar tal-frott għandu jinħarat aktar spiss. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur li jgħamel dan ix-xogħol tal-ħart.

38.12.6 B'referenza għall-ilment numru 08/2022, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li ssir bankina kemm jista jkun malajr, dan għaliex huma qegħdin f'periklu kbir peress li t-traffiku kollu li jgħaddi mit-triq jgħaddi eżatt minn mal-bieb tiegħu peress li hu għandu maisonette. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System*.

38.12.7 B'referenza għall-ilment numru 09/2022, resident li joqgħod fi Triq Paranji talab li ssir bankina għall-binja ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

38.12.8 Diversi residenti ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsillier Clayton Tewma sabiex jinżabru minn taħt is-siġar tal-Oleander madwar id-dawra taz-zuntier tal-knisja, peress li dawn qed jostakolaw lin-nies milli jgħaddu minn fuq il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv informah li s-Sindku kien

diġa ħa azzjoni dwar dan, u dawn kienu tħallew hekk fuq parir tal-botonista biex wieħed jara eżatt l-andament tas-siġar pero riċentament dawn ġew miżbura.

38.12.9 Resident talab li ssir mera fi Triq Ta' Ċenċ fil-parti ta' isfel. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

38.12.10 Resdienti ġibdu l-attenzjoni sabiex teħel mera oħra ma dik li diġa hemm fi Triq Sannat faċċata ta' Triq 28 ta' April sabiex turi l-vetturi li jkunu ġejjin minn naħa ta' isfel peress li dik li hemm turi dawk li jkun ġejjin minn fuq.

38.12.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward patching fi Triq it-Tabib Anton Tabone man-naħa tal-playing field peres li hu perikoluż speċjalment għal min ikun isuq bil-mutur. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.* Il-Kunsillier Tewma qal li dan il-patching sar.

38.12.12 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward tabella li għandha bżonn tiġi rranġata fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmahom li din ġiet irranġata mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

28.12.13 B'referenza għall-ilment numru 10/2022, persuna talbet li ssir bankina ġdida quddiem binja ġdida fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Bardan. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

38.12.14 B'referenza għall-ilment numru 11/2022, resident talab li jinbena ħajt tas-sejjiegħ fl-għalqa tiegħu fi Triq 28 ta' April 1688. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

38.12.15 Resident staqsa jekk il-Kunsill hux qed joġġezzjona dwar l-iżviluppi tal-bini li qed isir u l-permessi li qed jingħataw mill-Awtorita' tal-Ippjanar fil-lokalita' biex Ta' Sannat jibqa jgawdi minn ambjent naturali w uniku. Il-Kunsill qed jikkonsulta dwar dan.

38.12.16 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ biex jiġi rranġat l-ispazju mħolli vojt u perikoluż wara li nbnew il-ħitan tas-sejjieh fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan l-ilment intbgħat diġa lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

38.12.17 Is-Sindku qal li fuq suġġeriment taż-Żgħażagħ Palmisti talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex isir tournament tal-billiard biex jinxtraw trophies għar-rebbieħa. Il-Kunsill qabel li jikkolabora.

38.12.18 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li fi Triq Saguna hemm ħajt tas-sejjieħ mwaqqa fit-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jitneħħa l-periklu u jinforma lis-sid.

## 38.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2022

38.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 3/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Bajada u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 38.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

38.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' April 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 12 ta' April, 2022

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |